# GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TNEJN, 30 TA' APRIL, 2001

*Avviz. Nru 1192/00 AJD*

Vodafone Malta Limited

vs

Marica Muscat

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta' Awissu, 2000, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u sebghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm173.69) rapprezentanti access ta' mobile telephone u 'airtime' ghall-istess uzu, ghall-perijodu mill-1 ta' Novembru, 1999, sal-1 ta' April, 2000.
Bl-ispejjes, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Anthony J. Vella in rappresentanza tas-socjeta' attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u tlieta u sebghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm173.69) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effetiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR